**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 21 ta' Novembru, 2017**

**Referenza Kostituzzjonali Nru: 34/2015 AF**

**Richard Cachia Caruana**

**vs**

**Onor. Joe Mizzi u Kurt Farrugia**

Il-Qorti:

Rat ir-referenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-22 ta' April 2015 (Maġistrat Francesco Depasquale) li permezz tagħha dik il-Qorti wara li semgħet il-partijiet ordnat illi l-kwistjoni tintbagħat quddiem din il-Qorti sabiex jiġi determinat jekk:

1. *Huwa minnu illi l-fatt li l-kwerelant Richard Cachia Caruana nieda kemm proċeduri ċivili kif ukoll kriminali kontra r-rikorrenti Joe Mizzi u Kurt Farrugia, fil-kapaċita` tagħhom ta' Membru tal-Parlament u Ġurnalist rispettivament, ma kienux intiżi sabiex jipproteġu r-*

*reputazzjoni ta' l-istess kwerelant iżda attwalment kienu intiżi sabiex iżommuhom milli jeżerċitaw id-dritt ta' l-espressjoni tagħhom u l-obbligu tagħhom li jesprimu ruħhom dwar materji ta' interess pubbliku, u dana għalhekk bi ksur ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

2. *Huwa minnu illi, fil-każ in eżami minn din l-Qorti l-applikabbilita` ta' sanzjoni kriminali kontra r-rikorrenti f'każ fejn sanzjoni ċivili qiegħda tintalab ukoll f'proċeduri separati jistgħu iwasslu sabiex jinkisru jew x'aktarx jinkisru id-dritt tal-liberta` ta' l-espressjoni tar-rikorrenti, u dana bi ksur ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha wieġeb illi:

Permezz tad-Digriet tat-22 ta' April 2015 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tablet lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tikkunsidra u tiddeciedi jekk '*1. Huwa minnu illi l-fatt li l-kwerelant Richard Cachia Caruana nieda kemm proceduri civili kif ukoll kriminali kontra r-rikorrenti Joe Mizzi u Kurt Farrugia, fil-kapacita' taghhom ta' Membru tal-Parliament u Gurnalist rispettivament, ma kienux intizi sabiex jipprotegi r-reputazzjoni ta' l-istess kwerelant izda attwalment kienu intizi sabiex izommuhom milli jezercitaw id-dritt ta' l-espressjoni taghhom u l-obbligu taghhom li jesprimu ruhom dwar materji ta' interess pubbliku, u dana ghalhekk bi ksur ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. 2. Huwa minnu illi, fil-kaz in ezami minn dina l-Qorti, l-applikabilita' ta' sanzjoni kriminali kontra r-rikorrenti f'kaz fejn sanzjoni civili qieghda tintalab ukoll f'proceduri separati jistghu iwasslu sabiex jinkisru jew x'aktarx jinkisr id-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni tar-rikorrenti, u dana bi ksur ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem".*

L-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Illi l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja filwaqt illi jenuncja bhala dritt fundamentali d-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni, fis-subinciz (2) tieghu jikkontempla l-eccezzjonijiet f'liema kazijiet huwa permissibbli mill-istess Konvenzjoni li jirrendi legali u lecitu indhil mill-Istat b'deroga ta' dan id-dritt fundamentali. L-esponenti jissottometti illi huwa evidenti illi d-dritt protett b'dana l-Artikolu mhuwiex wiehed assolut izda hemm certi restrizzjonijiet illi l-Istat jista' b'mod proporzjonat jimponi fir-rigward ta' l-ezercizzju tieghu abbazi ta' ragunijiet specifici.

L-esponenti jissottometti illi l-Istat igawdi certu margini ta' apprezzament sabiex jillimita dan id-dritt. Kif dejjem gie ritenut mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dawn ir-restrizzjonijiet huma permissibbli meta jkunu preskritti b'ligi, jsiru ghal ghan legittimu u jkunu necessarji f'socjeta' demokratika.

Certament li gurnalist ma jistax jirrapporta bhala « fatt » semplicement ghax « deherlu » li hekk ikun gara, jew ghax kien taht « impressjoni » li dak il-fatt sehh. Illi l-interess tal-gurnalisti li jxandru l-ahbarijiet b'attwalita' huwa nteress legittimu izda ma hux interess li quddiemu ghandu jcedi l-jedd ta' haddiehor ghall-fama tieghu. Ghalhekk, l-interess ta' gurnalist li jippubblika ahbar ma jehlisx lil tali gurnalist mill-htiega li jivverifika l-ahbar, aktar u aktar meta dik l-ahbar tista' tkun ta' hsara ghal haddiehor.

Il-kuncett tal-liberta' tal-espressjoni u tal-istampa ghandu jigi kontrobilancjati mad-dritt tac-cittadin ghall-inkolumita' tieghu. Illi fil-kaz fl-ismijiet *Verdens Gang and Aase v. Norway* (applikazzjoni numru 45710/99) fis-16 ta' Ottubru 2001, il-Qorti Ewropeja osservat illi « *However, it is to be recalled that Article 10 of the Convention does not guarantee unlimited freedom of expression even for press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article, the exercise of this freedom carries with it « duties and responsibilities » which also apply to the press. In a number of recent cases concerning restrictions on press freedom (see, for instance the above mentioned case of Bergens Tidende and Others v. Norway, § 53), the Court has pointed out that these « duties and responsibilities » assume significance if the*

*reputation of private individuals is under attack and the « rights of others » may be undermined ».* Illi l-Qorti Ewropeja osservat li, meta si tratta tar-reputazzjoni professjonali tac-cittadin, l-istampa trid tagixxi in buona fede u tara li tforni « *accurate and reliable information* ». Dan ifisser li artikolu f'gurnal irid jittrasmetti stejjer bazati fuq fatti u mhux fuq impressjonijiet. Fil-fatt, f'dina l-kawza, il-Qorti Ewropeja canfret lill-gurnal talli dan ma hax « *sufficient steps to fulfil its obligation to verify the truth of the factual allegation in question ».* Gurnal, ghalhekk, ghandu obbligu biex jivverifika l-verita' ta' dak li qed jistampa u ma ghandux jippubblika bhala fatt dak li lill-gurnalist ikun 'deherlu' li fehem. Illi certament li dan bl-ebda mod ma jaghmel sarima lill-istampa biex jirrapportaw fuq affarijiet ta' interess pubbliku, ghax l-obbligu ta' verifikazzjoni tal-verita' hija marbuta intrinsikament mal-kuncett tal-liberta' tal-istampa. Illi rapportagg irid jigi oggettivament verifikat.

Id-dritt ghall-liberta' tal-espressjoni jgib mieghu dmirijiet u responsabbilitajiet li jistghu jiddettaw il-htiega tar-restrizzjonijiet li ghalihom hemm riferenza fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Illi ghalkemm proceduri ta' libell u sentenza fejn individu jinsab li jkun kiser il-provvedimenti tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta) tikkostitwixxi interferenza mill-aworita' pubblika mad-dritt ghal-liberta' tal-espressjoni madanakollu tali interferenza hija gustifikata stante li saret fil-parametri tar-restrizzjonijiet permissibbli fil-Konvenzjoni.

Ma hemm l-ebda dubju li l-interferenza li minnha qed jillamentaw il-partijiet li provokaw ir-riferenza hija preskritta bil-ligi u dan peress li l-proceduri kriminali u dawk civili gew istitwiti skont dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi l-interferenza tissodisfa wkoll il-kwezit tal-htiega f'socjeta' demokratika fl-interess ta' xi ghan legittimu u dan abbazi tal-principji stabbiliti fil-gurisprudenza kemm nostrana u kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja. Minn dina l-gurisprudenza (ara *Constantinescu v. Romania* – applikazzjoni numru 28871/95 deciza fis-27 ta' Gunju 2000 u *Cumpana & Mazare v. Romania* – applikazzjoni numru 33348/96 deciza fl-10 ta' Gunju 2003) johrog ukoll li l-

limitazzjonijiet u s-sanzjonijiet mahsuba fil-ligijiet nostrana dwar l-istampa huma meqjusa bhala mehtiega f’socjeta’ demokratika.

L-esponenti jissottometti wkoll li certament li ma hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta’ individwu meta att jattira kemm proceduri kriminali u kemm dawk civili. Il-fatt li f’kawza civili persuna tinsab responsabbli ghad-danni bl-ebda mod ma jfisser li dik il-persuna giet attribwita' responsabbilita' kriminali. L-esponenti jissottometti wkoll illi f'kawza ta' natura civili fejn il-mertu jkun simili l-oneru tal-prova tal-kawza civili jibqa' l-istess bhal f'kull kawza ohra ta' natura civili u cioe abbazi ta’ certezza morali filwaqt li l-oneru tal-prova tal-kawza kriminali huwa differenti u aktar oneruzIl-principju bazilari huwa illi kawza ta' natura kriminali u dik ta' natura civili huma separati u distinti u l-ezitu ta' wahda bl-ebda mod ma tinfluwenza lill-ohra: l-istess jinghad fuq l-oneru tal-prova.

Anke r-rimedju li jista’ jinghata huwa distint u separat u dan peress li filwaqt li fil-kawza civili jigi stabbilit il-kumpens li ghandu jithallas lill-parti offiza sabiex tissewwa l-hsara kkagunata, fil-kawza kriminali tinstab il-htija o meno minghajr ma jigi stabbilit il-kumpens li ghandu jithallas lill-parti li tissubixxi l-offiza. Madankollu bl-ebda mod ma jista’ jinghad li l-possibilita’ li jigu istitwiti proceduri kemm civili kif ukoll kriminali fl-isfera tal-ligi ta’ l-Istampa ma jwassal ghal-ksur tad-dritt tal-liberta’ ta’ l-espressjoni. Illi kif diga’ nghad tali interferenza hija wahda skont il-ligi u mehtiega f’socjeta’ demokratika.

Ghal dak li jirrigwarda t-test tal-proporzjonalita’, l-esponenti jissottometti li f’dan l-istadju huwa ghal kollox intempestiv li wiehed jitkellem dwar il-proporzjonalita’ tas-sanzjoni inflitta u dan peress li f’dan l-istadju ma nafux jekk l-azzjonijiet istitwiti kontra l-partijiet li provokaw ir-riferenza humiex ser ikunu ta’ success ghall-parti li hekk istitwiethom jew x’tip ta’ sanzjoni ser tigi ffissata. Illi minghajr pregudizzju ghal dan li ghadu kif inghad, jigi sottomess li l-Qorti Ewropeja qatt ma qalet b’mod assolut u bla ebda rizerva li sanzjonijiet kriminali jilledu d-drittijiet garantiti permezz tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni (ara

*Cumpana & Mazare v. Romania* – deciza mill-Grand Chamber fis-17 ta' Dicembru 2004).

Isegwi ghalhekk li t-twegiba li ghandha tinghata lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija li ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-partijiet li pprovokaw ir-riferenza.

Rat ir-risposta ta' Richard Cachia Caruana li permezz tagħha wieġeb illi:

Id-dritt tal-libertà tal-espressjoni sancit fl-Art. 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja u fl-Art. 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta mhux iwehed assolut; kemm fil-Konvenzjoni u kemm fil-Kostituzzjoni, jillimitaw u jirrestringu dan id-dritt fis-subinciz (2) tal-imsemmija artikoli billi l-istat jista' b'mod proporzjonat jirrestringi tali dritt ghal ragunijiet specifici, fosthom ir-reputazzjoni ta' terzi.

Bhala retroxena tal-kaz ojdern, l-Onor. Joe Mizzi xandar minn fuq it-televizjoni, ta' liema stazzjon televiziv l-editur registrat kien Kurt Farrugia, is-segwenti kliem: "*Kien kemm kaz meta ghaddejt rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija li kien hemm yacht qed jaghmlu cocaine party fuqu u jien gbidt l-attenzjoni li kien hemm nies prominenti fuqu. Fil-fatt, kien hemm nies li kienu hbieb hafna hafna ta' RCC u meta marru l-Pulizija marru fuq yacht hazin, mhux fuq il-yacht li jiena indikajtilhom*;" dan l-incident suppost gara bejn l-1996 u l-1998, meta l-Onor. Mizzi kien Ministru tal-Gvern, u Richard Cachia Caruana kien biss cittadin privat, izda l-Onor. Mizzi deherlu li ghandu jzomm dan l-incident mistur sal-2012 (almenu ghal- 14-il sena), ezattament meta Richard Cachia Caruana kien soggett ghall-mozzjoni fil-Parlament ghat-tkeccija tieghu minn Rapprezetant Permanenti ghall-Malta fl-Unjoni Ewropeja u mozzjoni ohra mressqa minn Jeffrey Pullicino Orlando quddiem il-Kumitat Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista biex Cachia Caruana jitkecca mill-Partit – ghalhekk f'mument meta seta' jaghmel l-ikbar hsara possibbli. Mill-provi mressqa quddiem il-Qorti, rrizulta illi

huwa minnu illi l-Onor. Joe Mizzi kien ikkomunika mal-Kummissarju ta' dak iz-zmien (i.e. George Grech) u semmielu yacht partikolari; l-(ex)Kummissarju George Grech kien ordna lill-Ass. Kummissarju Michael Cassar (illum Kummissarju) – billi d-Drug Squad kienet taqa' taht l-Ass. Kumm. Cassar – biex jaghmel raid fuq dan il-yacht. Hekk sar u ma nstab xejn li ghandu x'jaqsam ma' droga. Kieku r-rakkont tal-Onor. Mizzi kien veru, wiehed kien jippretendi li immedjatament wara dan l-incident, jinqala' pandemonju u bhala l-Ministru responsabbli mill-Pulizija jkecci l-Kummissarju ghal dan in-nuqqas gravi, jew almenu, ssir inkjesta, izda minn dan kollu ma sar xejn. Izda kien veru jew mhux veru dak li rrakonta l-Onor. Mizzi, kif dahal fil-kwistjoni Richard Cachia Caruana (maghruf RCC) u l-'hbieb hafna hafna tieghu'?

Kif qalet sewwa il-House of Lords tal-Ingilterra fil-kawza "Reynolds vs Times Newspapers and others" deciza fit-28 ta' Ottubru 1999, minghajr il-bzonn li l-esponenti jzid jew jikkumenta: "*The liberty to communicate (and receive) information has a similar place in a free society but misinformation which is the subject of this liberty. There is no numan right to disseminate information that is not true. No public interest is served by publishing or communicating misinformation. The working of a democratic society depends on the members of that society being informed not misinformed. Misleading people and the purveying as facts statements which are not true is destructive of the democratic society and should form no part of such a society. There is no duty to publish what is not true: there is no interest in being misinformed. These are general prorpositions going far beyond the mere protection of reputations*."

Kif qalet is-silta kkwotata mis-sentenza tal-House of Lords, ma jezisti ebda dritt fundamentali li xi hadd jivvinta storja, jxandarha bhala fatt u jhammeg ir-reputazzjoni ta' terz ghax, f'socjetà demokratika, d-dritt tal-libertà tal-espressjoni irid icedi b'kontrobilanc ghad-dritt fundamentali iehor tat-terz li jippreserva l-fama u r-reputazzjoni tieghu. Kif qalet l-Qorti Ewropeja (ECHR) f'diversi sentenzi taghha (Lingens vs Austria, 8/7/1986; Verdens Gang and Aese vs Norway, 16/10/1999 u ohrajn), id-dritt tal-libertà tal-espressjoni mhux wiehed

illimitat; fil-Verdens Gang case, ntqal hekk mill-ECHR: "*In a number of recent cases concerning restrictions on press freedom, the Court has pointed out that these 'duties and responsibilites' assume significance if the reputation of private individuals is under attack and the 'rights of others' may b undermined*".

Meta persuna tigi citata dwar malafama, huwa ghandu kull dritt li jiddefendi ruhhu quddiem il-Qorti; ovvjament min jabbuza mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni billi jimputa fatt inveritjier u malafamanti ser isib ruhhu f'diffikultà ghax ma jkollux difiza xi jressaq; *chi è colpa del suo mal, pianga se stesso*, u mhux jinvoka d-dritt tal-libertà tal-espressjoni, ghax l-istess Konvenzjoni u Kostituzzjoni tistabilixxi li min jabbuza minn dan id-dritt, kif stabbilit mis-subartiklu (2), ma jsibx il-protezzjoni la tal-Konvenzjoni u anqas tal-Kostituzzjoni. "*..... it is the communication of information not misinformation which is the subject of this liberty.*" Korrettement qalet il-House of Lords tal-ingilterra; min jaghzel jinvoka l-protezzjoni tal-ligi izda jrid jaffronta l-proceduri legali sstitwiti kontra tieghu. Jekk l-allegazzjonijiet huma veri, l-ligi ordinarja stess taghtih protezzjoni kemm fil-forum civili u kemm fil-forum kriminali; jekk l-allegat fatt mhux veru – u allura ma jistax jipprova l-impossibbli cioè li l-allegat fatt huwa veru – il-persuna li vvinta dik l-allegazzjoni la ser issib kenn fil-ligi ordinarja u anqas fil-Konvenzjoni jew il-Kostituzzjoni.

Din il-limitazzjoni hija komuni kwazi f'kull dritt fundamentali; l-Art. 44 tal-Kostituzzjoni tiddisponi d-dritt fondamentali tal-libertà ta' moviment meta tghid li "*ebda cittadin ma jista' jigi pprivat mill-libertà tieghu ta' moviment, u ghal fini ta' dan l-artiklu din il-libertà tfisser id-dritt ta' moviment liberu gewwa Malta ....., id-dritt li johrog minn Malta u d-dritt li jidhol Malta*"; izda huwa inutili li wiehed jinvoka dan id-dirtt tal-libertà ta' moveiment ghax gie mwaqqaf milli jsuq mill-Pulizija/Awtorità kompetenti ghax kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb jew li ma thalliex jirkeb ajruplan biex jitlaq minn Malta meta kien f'sakra li ma jarax art; din il-persuna trid taffronta proceduri kriminali tar-rejat li kkommetta, u f'kaz li kkawza danni, irid jaffronta wkoll proceduri civili ghad-danni li l-agir abbuziv u illegali tieghu kkaguna lit-terz. Il-proceduri kriminali u civili

huma separati u distinti u regolati minn Kodici ta' Procedura differenti; il-fatt li jittiehdu proceduri kemm kriminali u kemm civili f'dawn ic-cirkostanza qatt ma jistghu jigu interpretati illi qed jilledu d-dritt fondamentali tieghu ta' libertà ta' moviment.

Ghaldaqstant, l-esponenti jissottometti illi ma hemm ebda ksur tal-Art. 10 tal-Konvenzjoni.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Onorevoli Joe Mizzi u Kurt Farrugia li permezz tagħha wieġbu li:

1. L-esponenti jirreferu ghar-rikors taghhom tad-19 ta' Novembru 2014 quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u d-digriet tal-istess Qorti tat-22 ta' April 2015 li bih gew milqugha in parti t-talbiet tal-esponenti ghal riferenza tal-kwistjonijiet sollevati minnhom quddiem din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha. L-esponenti jixtiequ jirregistraw il-pozizzjoni taghhom fir-rigward ta' xi punti mqajma fir-risposti tal-Avukat Generali u tal-kwerelant Richard Cachia Caruana, kif ukoll dwar xi kummenti fid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati.

*Iz-zmien biex intalbet ir-riferenza.*

2. L-ewwel Qorti rrimarkat li t-talba ghar-riferenza saret *'ben **tlett** snin wara illi l-kawza giet intavolata quddiem[ha]'* u li dan seta' jigi nterpretat bhala tentattiv sabiex jigu stultifikati l-proceduri.[1] L-esponenti jikkontestawh din l-interpretazzjoni. Ibda biex kien biss fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2012 li l-esponenti (prezenti fl-awla) taw ruhhom b'notifikati bic-citazzjoni avolja ma kienux assistiti. Anke l-avukat tal-kwerelant (li ma kienx prezenti fl-awla) ta ruhu b'notifikat f'dik is-seduta.

3. L-ewwel seduta wara li l-imputati gew notifikati bil-kawza kienet dik tas-17 ta' Jannar 2013. Dak in-nhar il-kwerelant talab

[1] Pagna 3 tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tat-22 ta' April 2015.

differiment. Il-prosekuzzjoni regghet talbet differiment fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013.[2]

Il-kwerelant ikkonferma l-kwerela tieghu u xehed fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2013.[3]

Huwa ressaq ix-xhieda principali tieghu fis-seduti tas-17 ta' Ottubru 2013 u tal-5 ta' Marzu 2014.[4] Immedjatament wara, fis-seduta tad-9 ta' April 2014 l-esponenti informaw lill-Qorti li riedu jaghmlu riferenza kostituzzjonali.[5] Ir-rikors relattiv gie prezentat fid-19 ta' Novembru 2014 u l-kwerelant wiegeb fit-23 ta' Marzu 2015. Id-digriet ta' riferenza sar fit-22 ta' April 2015.

4. Ghalhekk mill-ewwel seduta effettiva fejn il-kwerelant ikkonferma l-kwerela sakemm l-esponenti nformaw lill-Qorti bit-talba taghhom, ghaddew biss sena u nofs mhux tlieta. Fil-frattemp l-esponenti stennew li l-kwerelant iressaq il-provi principali tieghu biex ikunu f'qaghada li jirregolaw ruhhom. Dan kollu qed jinghad biex tigi mwarrba l-impressjoni li l-esponenti ghandhom xi nteress li jtawlu bla bzonn. Ghal kuntrarju huma jemmnu fil-punt kostituzzjonali mqajjem minnhom u stennew biss kemm kien mehtieg biex il-prosekuzzjoni tressaq il-kaz taghha, b'mod li din il-Qorti setghet tkun istruwita bil-kaz.

*Fatti tal-kwistjoni*

5. Richard Cachia Caruana, jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti; jghid li l-esponent Joe Mizzi zamm il-kaz mistur ghal erbatax-il sena u hareg bl-istorja f'mument meta seta' jaghmel l-akbar hsara possibbli. Dan mhux minnu. Tajjeb li l-fatti jitpoggew fil-perspettiva korretta taghhom.

6. Fl-ewwel lok mhux veru li din kienet l-ewwel darba li l-esponent Mizzi semma' dan il-kaz. Kien semmiegh pubblikament drabi ohra u sahansitra fil-Parlament f'Ottubru tal-2002.

---

[2] A fol 11 tal-process.
[3] A fol 13-14 tal-process.
[4] Meta xehedu George Grech u Michael Cassar. Ir-ik
[5] A fol 34 tal-process.

7. Fl-2012 graw fatti mportanti fil-pajjiz, fejn kellek partit li wara snin fil-gvern, kien qed jigi 'attakkat' minn fost il-membri tieghu stess, inkluzi Membri Parlamentari. Fost ohrajn kien hemm id-Deputat Nazzjonalista Jeffrey Pullicino Orlando li ghamel talba quddiem l-Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista biex Richard Cachia Caruana jitkecca mill-partit. Biex isostni t-talba tieghu Jeffrey Pullicino Orlando kien pubblikament qal li fil-lista tax-xhieda tieghu kien indika lill-esponent Joe Mizzi u ried iressqu biex jixhed.

Kien f'dan il-kuntest ta' taqlib politiku importanti li l-One TV intervista lill-esponent Joe Mizzi u staqsieh x'kienet ir-raguni ghaliex issemma bhala xhud f'din il-kwistjoni.

8. Min-naha tieghu Joe Mizzi semma tlett kazijiet fejn b'xi mod issemma' Richard Cachia Caruana: (i) l-ewwel kaz meta kien Ministru inkarigat mill-Pulizija. L-esponent spjega li kien sar tibdil dwar skorti u ghases fejn ma kienux aktar mehtiega, u fost ohrajn tnehhiet l-iskorta/ghassa li kien hemm ma Richard Cachia Caruana minhabba li kien deciz li ma kienitx aktar mehtiega. L-esponent spjega li minhabba dan saret pressjoni kbira fuqu personali biex Richard Cachia Caruana jerga' jinghata skorta u ghassa. (ii) F'kaz iehor fl-istess zmien, gie rapportat lill-esponent li kien hemm tentattiv biex jitnehha l-Head of Security, u lilu semmewlu li wara dan kien hemm l-istess Richard Cachia Caruana. (iii) it-tielet kaz li semma kien meta ghamel rapport, fuq informazzjoni li kellu, li x'aktarx kellu jsir party fuq yacht li fih kellu jkun hemm id-drogi. Huwa ghamel rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija, izda wara sar jaf li l-pulizija intbatu jinvestigaw bastiment differenti. Hawnhekk ikkummenta li n-nies involuti kienu hbieb ta' Richard Cachia Caruana.

Joe Mizzi gie ntervistat waqt l-ahbarijiet fuq One TV. L-esponent Kurt Farrugia dak iz-zmien kien editur tal-istess stazzjon.

Dawn il-fatti l-esponent Joe Mizzi ddikajrhom kif jafhom *de proprio*. Ma ghamel ebda akkuzi fil-konfront tal-kwerelant, izda llimita ruhu li jghid kif waslu ghandu. Richard Cachia Caruana qed jilmenta dwar it-tieni u t-tielet kaz, ghalkemm donnu aktar jenfasizza it-tielet kaz li semma l-esponent Mizzi.

9. Immedjatament wara din l-intervista, Richard Cachia Caruana hareg stqarrija pubblika fejn iddikjara l-posizzjoni tieghu u nnega l-allegazzjonijiet li, skond hu, saru fil-konfront tieghu. Inoltre huwa mexxa b'kawza ta' libell civili bil-kawza fl-ismijiet *Richard Cachia Caruana vs Onor. Joe Mizzi u Kurt Farrugia (Rik. 235/2012FDP)*, pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif presjeduta mill-Magistrat Francesco Depasquale.

Apparti dan huwa talab lill-pulizija sabiex fuq l-istess fatti, imexxu kriminalment ghall-malafama, kontra l-istess Joe Mizzi u kontra l-esponent Kurt Farrugia bhala editur tal-One News.

*Il-Liberta' tal-Espressjoni*

10. Fir-risposta tieghu Richard Cachia Caruana wara li jallega li l-esponent Joe Mizzi ghamel dikjarazzjonijiet inveritjeri, jargumenta li lardarba dak li qal huwa inveritier, allura ma jistax igawdi mil-liberta' tal-espressjoni ghaliex il-konvenzjoni tipprotegi l-liberta' li tghid il-verita' mhux li tghid dak li mhux minnu. Huwa jkompli jghid li min jabbuza mid-dritt ma jistax ikollu l-protezzjoni tal-Konvenzjoni. Jghid ukoll li l-azzjoni civili u l-azzjoni kriminali huma distini minn xulxin u ghalhekk it-tnejn permissibbli bil-Konvenzjoni.

11. Ir-risposta tal-Avukat Generali hija aktar artikolata. Dan jispjega li l-Konvenzjoni tikkontempla restrizzjonijiet ghal-Liberta' tal-Espressjoni meta dan ikun preskritt b'ligi, jsir ghal ghan legittimu, u jkun necessarju f'socjeta' demokratika. Huwa jkompli jargumenta li l-gurnalist huwa obbligat li jivverifika l-ahbar, u l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni ma jaghtix liberta' assoluta lanqas fi kwistjonijiet ta' interess pubbliku u jista' jaghti l-kaz li l-interferenza tkun wahda gustifikata. L-Avukat Generali jargumenta li kemm l-azzjoni civili kemm dik kriminali johrogu mill-Att dwar l-Istampa u huma meqjusa bhala mehtiega f'socjeta' demokratika. It-tnejn jaghtu rimedji distinti.

12. F'dan l-istadju bizzejjed ghall-esponenti li jirrimarkaw li l-Liberta' ta' l-Espressjoni u d-dritt tal-pubbliku li jircievi l-ideat u l-opinjonijiet dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku huma

Drittijiet Fundamentali u r-restrizzjoni fl-interess tal-protezzjoni tar-reputazzjoni ta' haddiehor ghalkemm tohrog mill-Artikolu 10 stess tal-Konvenzjoni, hija dejjem eccezzjoni ghad-dritt principali u bhala tali ghandha tigi trattata. Id-dritt superjuri huwa d-dritt fundamentali tal-Liberta' tal-Espressjoni, u l-eccezzjoni ghal dan id-dritt ghandha tigi applikata b'mod restrittiv u biss fejn assolutament mehtieg u ma hemmx rimedji inqas restrittivi. Fejn l-individwu ghandu mezzi ohra li bihom jista' jasal ghal-ghan tieghu biex jipprotegi r-reputazzjoni tieghu minghajr ma jirrestringi l-Liberta' tal-Espressjoni, allura ghandu jadotta dawk il-mezzi.

13. Richard Cachia Caruana huwa persuna pubblika li, ghalkemm qatt ma ssottometta ruhu ghall-gudizzju elettorali, ghal hafna zmien kellu pozizzjoni pubblika fejn kellu rwol b'sahhtu fl-amministrazzjoni pubblika u f'decizjonijiet importanti ghall-pajjiz. Ir-rwol tieghu kien wiehed politiku wkoll. Fl-ahhar snin kien jokkupa wkoll il-kariga ta' rapprezentant ta' Malta mal-Unjoni Ewropea b'salarju pubbliku qawwi. Dan wahdu huwa bizzejjed biex jesponih ghall-kritika u l-iskrutinju pubbliku.

Min jassumi kariga pubblika, u jithallas minn flus pubblici u jgawdi l-beneficcji ta' dik il-kariga ghandu jaccetta wkoll li l-pubbliku jaghmel dwaru d-domandi l-osservazzjonijiet kollha li jitqajmu. Sta imbaghad ghalih li jwassal il-fatti u l-fehma tieghu biex imieri jew jikkonferma dak li jinghad.

14. Min-naha l-ohra l-esponent Joe Mizzi ilu diversi snin jigi elett bhala Membru Parlamentari u okkupa karigi ministerjali, fosthom dik ta' ministru responsabbli mill-Pulizija u s-Servizz Sigriet. F'dawn ir-rwoli huwa kellu mhux biss id-dritt izda l-obbligu li jesprimi ruhu fuq kwistjonijiet li jolqtu l-isfera pubblika, kemm b'fatti u nformazzjoni li jaslu ghandu fil-kariga tieghu, kemm bil-fehmiet tieghu fuq kwistjonijiet ta' interess pubbliku u dwar l-amministrazzjoni pubblika.

*L-iskop ta' Richard Cachia Caruana.*

15. Jekk l-iskop ta' Richard Cachia Caruana huwa verament dak dikjarat minnu li jipprotegi r-reputazzjoni tieghu, fejn deherlu li l-fatti kienu jikkoncernaw lilu u kienu mifhuma jew inghadu

hazin, l-interess tieghu kellu jkun li jwassal lill-pubbliku l-verzjoni tieghu tal-fatti. L-Att dwar l-istampa jaghtih id-dritt li jezigi li tigi pubblikata dikjarazzjoni b'kontradizzjoni jew spjegazzjoni tal-fatti li jkun qed jilmenta minnhom, fuq l-istess mezzi ta' komunikazzjoni u dan minghajr hlas. Dan wahdu kellu jkun bizzejjed, f'sitwazzjoni fejn huwa komuni fix-xena politika Maltija li jkollok zewg verzjonijiet differenti jew addirittura totalment opposti. Sta ghall-pubbliku mbaghad li jiggudika liema minn dawk il-fatti hija sostanzjata jew li ghandu jemmen.

Cachia Caruana filfatt hareg stqarrija fejn qal dak kollu li hass li kellu jghid, u din l-istqarrija giet debitament pubblikata.

16. Cachia Caruana pero ma kienx kuntent li jwassal il-verzjoni tieghu jew li jichad dak li deherlu li kien jaffettwah. Huwa ghamel proceduri ta' libell fejn qed jitlob lill-Qorti tkun arbtiru fuq il-fatti u l-fehemiet opposti. Huwa talab ukoll li l-esponenti jigu kundannati jhalsuh id-danni, minkejja li mkien ma wera li bata xi pregudizzju li jissarraf fi flus. Kjarament huwa jrid li bis-sanzjoni finanzjarja jiddiswadi kummenti jew dikjarazzjonijiet pubblici ulterjuri dwaru. F'sitwazzjoni ta' kontroversja pubblika bejn zewg persunaggi politici, dan certament ma jwassalx ghad-dibattitu pubbliku mehtieg f'socjeta' demokratika biex jifforma l-opinjoni pubblika, element essenzjali fil-hajja demokratika ta' pajjiz liberali.

Aghar minn hekk, Richard Cachia Caruana, mexxa ukoll kriminalment kontra l-esponenti bit-theddida tas-sanzjoni penali, inkluz fejn applikabbli, dik karcjerarja.

17. Huwa evidenti li l-ghan ta' Richard Cachia Caruana li jipprocedi kontra l-esponent Joe Mizzi, membru parlamentari, u l-esponent Kurt Farrugia, gurnalist u editur tal-istazzjon One TV, kemm b'azzjoni civili ghad-danni u anke bl-azzjoni kriminali, ma kienx motivat biex jissalvagwardja r-reputazzjoni tieghu, izda kien intiz biex izommhom milli jezercitaw id-dritt u obbligu taghhom, fil-karigi rispettivi, li jesprimu ruhhom dwar materji ta' interess pubbliku, fejn b'xi mod jikkoncernaw lil istess Cachia Caruana, minkejja li konnessi mal-funzjoni pubblika tieghu.

18. Il-mezzi adoperati minn Cachia Caruana, anke jekk jirrizultaw mil-ligi, ma kienux mehtiega u zgur li ma kienux proporzjonali ghall-ghan tas-salvagwardja tar-reputazzjoni tieghu. Kellu jkun sufficjenti ghalih, kieku verament kienet tinteressah biss ir-reputazzjoni tieghu, li jmexxi b'risposta tempestiva kemm taht il-ligi ta' l-Istampa, kemm taht l-Att dwar ix-Xandir. F'kull kaz, zgur li ma kellux htiega li jmexxi kemm civilment kemm kriminalment. Din ma hija xejn hlif restrizzjoni doppja, b'kastig, intiza biex tirrestringi u xxekkel lil min jazzarda jitkellem dwaru.

19. Il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tenfasizza u taghti preminenza lill-bzonn ta' divulgazzjoni tal-informazzjoni u idejat fuq kwistjonijiet ta' interess pubbliku, specjalment fuq kwistjonijiet ta' *"serious public concern"*.[6] Ir-restrizzjoni jew *"intereference"* mad-dritt fondamentali ta' l-espressjoni trid tkun *"necessary in a democratic society",* rizultat ta' *"a pressing social need"* u trid tkun ukoll *"proportionate to the legitimate aim pursued"*.[7]

Li Cachia Caruana jmexxi kriminalment meta diga' ghamel stqarrija pubblika, u mexxa wkoll civilment, jixhed l-iskop li jxekkel id-dibattitu pubbliku fejn jissemma hu, anke jekk indirettament.

*Id-dritt u l-obbligu tal-gurnalist.*

20. Tant hija cara n-nuqqas ta' tolleranza u l-iskop ulterjuri ta' Richard Cachia Caruana li mhux biss mexxa b'aktar minn azzjoni wahda kontra l-awtur tad-diskors, izda qieghed jattakka sahansitra lix-xandir u l-gurnalisti li xandru l-intervista. F'cirkostanzi fejn l-editur ma kellu ebda sehem ta' xejn f'dak li ntqal fl-intervista, huwa ovvju li Cachia Caruana jinteressah biss li jaghlaq halq il-mezzi ta' komunikazzjoni sabiex ma jwasslu ebda ahbar jew fehma li ma jaqbilx maghha.

21. Il-Qorti Ewropeja tenfasizza r-rwol ewlieni tal-gurnalist f'socjeta' demokratika, u l-importanza li dan jithalla jwassal l-

---

[6] ECHR: **Goodwin v. the United Kingdom**, 27.3.1996.
[7] ECHR: **Bladet Tromso v. Norway**, 1999.

informazzjoni lic-cittadin bl-aktar mod ampju. Il-gurnalist m'ghandux xi drittijiet aktar minn cittadini normali, izda gie rikonoxxjut li fil-mansjoni tieghu li jwassal informazzjoni lill-pubbliku, partikolarment fejn din titratta materja ta' importanza pubblika jew persuni publici b'mod partikolari fil-qasam politiku, ir-rwol tal-gurnalizmu huwa centrali fit-tmexxija u l-harsien tas-socjeta' demokratika. Huwa biss cittadin informat li jista' jaghmel gudizzju hieles u jezercita' b'mod effettiv il-libertajiet u d-drittijiet tieghu.

Kif spjegat l-istess Qoqrti *"The pre-eminent role of the press in a State governed by the rule of law ... is to impart information and ideas on political questions and <u>on other matters of public interest</u>."*[8]

Il-Qorti Ewropea tipprotegi lill-gurnalist anke meta l-informazzjoni tinghata waqt intervista fuq domandi tal-gurnalist innifsu.

*Il-kompozizzjoni tal-Qorti.*

22. Bit-tqassim prezenti tar-responsabiltajiet gudizzjarji fejn jidhlu l-libelli, l-istess Magistrat gie assenjat responsabilta' kemm fil-Qorti tal-Magistrati fil-gurisdizzjoni taghha Civili, kemm fil-gurisdizzjoni Kriminali. Mad-daqqa t'ghajn din tidher bhala mizura prattika biex il-gudikant li jakkwista esperjenza fil-kamp tal-libelli jitratta b'aktar uniformita' kemm dawk civili kemm dawk kriminali. Izda fil-prattika din qed twassal ghal theddida ta' ksur tad-dirttijiet fundamentali tal-Bniedem censurabbli taht il-Konvenzjoni Ewropea.

23. Jigri kemm-il darba li oltre l-libell civili, jitmexxa wkoll libell kriminali fuq l-istess fatti u l-istess incident. Dan iwassal biex l-istess magistrat irid jisma' l-istess kaz kemm civilment kemm kriminalment, bil-problema li fil-kawza civili jadotta certi regoli partikolarment fl-ordni u s-smiegh tal-provi, waqt li fil-kawza kriminali fuq l-istess fatti, jrid jadotta regoli u smiegh tal-provi differenti. Anke meta jigi biex jivvaluta l-provi fic-civil irid jadotta kejl, waqt li fil-kriminal irid jadotta kejl iehor. Aghar minn hekk, jigi mument meta il-Magistrat irid jiddeciedi l-ewwel kawza w

[8] ECHR: **Castells v. Spain**, 23.4.1992.

mbagħad l-oħra. Appena jesprimi ruħu b'sentenza fil-gurisdizzjoni civili jew dik kriminali, awtomatikament jirrendi ruħu obbligat li jastjeni, jew li jigi rikuzat, fit-termini tal-artikolu 734 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Sakemm il-gudikanti jibqgħu persuni tad-demm u l-laħam, li jitpoggew f'sitwazzjoni bħal din, min-natura stess ta' dik is-sitwazzjoni, qed jitpoggew f'sitwazzjoni ta' konflitt ta' gudizzju, billi jistgħu jigu f'sitwazzjoni fejn b'regoli civili, tinstab responsabilta', waqt li b'regoli kriminali l-istess persuna għandha tigi liberata. Filwaqt li fit-teorija, dan jista' jkun possibbli, fil-prattika ebda persuna ma għandha titpogga f'sitwazzjoni bħal din fejn ma tistax ma tigix mqegħda f'perikolu serju ta' ksur tad-dritt fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq u f'sitwazzjoni fejn ma għandux rimedju xieraq.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2015 il-Qorti ordnat illi jiġu allegati l-atti tal-kawża fl-ismijiet Richard Cachia Caruana vs l-Onorevoli Joe Mizzi u Kurt Farrugia (Avviż Nru. 235/2012 FDP).

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' April 2017 il-Qorti ordnat illi għandhom jiġu preżentati kopja tal-atti tal-proċess kriminali fl-ismijiet Richard Cachia Caruana vs l-Onorevoli Joe Mizzi u Kurt Farrugia (Libell Nru. 7/2012 FDP).

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat in-noti ta' referenzi tal-partijiet.

Rat illi r-referenza tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi din ir-referenza qiegħda ssir abbażi tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jaqra hekk:

> *"Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti*

*Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-dispoizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni."*

Ir-rikorrenti jikkontendu li l-kwerelant Richard Cachia Caruana qiegħed jipproċedi kontra tagħhom kemm bi proċeduri ċivili kif ukoll kriminali sabiex iżommhom milli jeżerċitaw id-dritt u obbligu tagħhom, fil-karigi rispettivi tagħhom, li jesprimu ruħhom dwar materji ta' interess pubbliku fejn jikkonċernaw lill-istess Richard Cachia Caruana, konnessi mal-funzjoni pubblika tiegħu. Huma jikkontendu għalhekk illi l-proċeduri kriminali kontra tagħhom jiksru d-dritt fundamentali tagħhom għal-libertà tal-espressjoni kif sanċit permezz tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u li għalhekk ma kinux meħtieġa sabiex l-istess kwerelant jipproteġi r-reputazzjoni tiegħu. Huma jisħqu wkoll illi l-applikabbiltà ta' sanzjonijiet kriminali meta sanzjonijiet ċivili qegħdin jintalbu fi proċeduri ċivili separati wkoll iwasslu sabiex jinkisru jew x'aktarx ser jinkistru d-drittijiet tagħhom taħt l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni.

Jirrizulta illi l-kwerelant Richard Cachia Caruana nieda proċeduri kriminali u ċivili fil-konfront tar-rikorrenti wara xandira fuq it-televiżjoni li saret mir-rikorrent Onor. Joe Mizzi fuq l-istazzjon televiżiv li tagħha kien l-editur reġistrat ir-rikorrent l-ieħor Kurt Farrugia.

Fil-parti rilevanti tax-xandira in kwistjoni, ir-rikorrent l-Onorevoli Joe Mizzi kien qal hekk dwar Richard Cachia Caruana:

*"Meta kont Ministru bejn in-96 u n-98 konna qegħdin nagħmlu riforma fil-pulizija u bħala riforma fil-Pulizija konna naqqasna dawk il-Pulizija li kienu bħala skorta jew għassa ma' xi ħadd fejn ma kienx hemm bżonn. U fosthom kien hemm parti minnhom ta' ...ma' Richard Cachia Caruana. Wara li dawn ġew imneħħijin għax ma kienx*

*hemm bżonnhom ovjament imbagħad jien minn naħa tiegħi kienet saret pressjoni kbira biex dawn jerġgħu jitpoġġew lura.*

*...*

*Il-Head tas-Security illi kont infurmat illi dan qed jagħmel minn kollox biex ineħħuħ minn hemmhekk u kien indika lili wkoll illi kien hemm persuna warajha li kienet RCC.*

*...*

*Kien hemm każ meta għaddejt ir-rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija li kien hemm yacht qed jagħmlu cocaine party fuqu u jien ġbidt l-attenzjoni li kien hemm nies prominenti fuqu. Fil-fatt, kien hemm nies prominenti kienu ħbieb ħafna ta' RCC u meta marru l-Pulizija marru fuq yacht ħażin, mhux il-yacht illi jiena indikajtilhom."*

Proċeduri kriminali ttieħdu fil-konfront tar-rikorrenti abbażi tal-artikoli 3 u 11 tal-Att Dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta). Ir-rikorrenti ġew akkużati '*Talli fit-13 ta' Lulju 2012 fl-aħbarijiet imxandra fis-7.30pm fuq One TV, intom bħala awtur u editur tal-istazzjon televiżiv rispettivament, immalfamajtu lill-kwerelanti b'allegazzjonijiet infondati u inveritjieri li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tiegħu...*' Permezz ta' proċeduri ċivili, Richard Cachia Caruana qiegħed jitlob lill-Qorti tal-Maġistrati tiddikjara li d-diskors in kwistjoni huwa libelluż fil-konfront tiegħu u li għandu bħala skop illi jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tiegħu. Għaldaqstant, huwa talab lill-Qorti tikkundanna lir-rikorrenti l-Onor. Joe Mizzi u Kurt Farrugia jħallsuh danni morali a tenur tal-artikolu 28 tal-Att.

Dawn l-artikoli tal-liġi jaqraw hekk:

"*3. Ir-reati msemmija f'din it-Taqsima ta' dan l-Att isiru permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, ikun x'ikun il-post li minnu joriġina dak l-istampat, jew bil-mezz ta' xi xandir.*

*11. Ħlief kif provdut xort'oħra f'dan l-Att, kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3, jagħti malafama lil xi persuna, jista', meta jinsab ħati, jeħel multa.*

*28. (1) Fil-każ ta' malafama, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3, li l-għan tagħha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti ċivili kompetenti tista', minbarra d-danni li jistgħu jintalbu taħt xi liġi li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien dwar telf jew ħsara attwali, tagħti lill-persuna offiża somma ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*

*(2) F'kull każ li għalih japplika dan l-artikolu, il-konvenut jista', bi tnaqqis tad-danni, jipprova li hu jkun għamel jew offra li jagħmel apoloġija lill-attur dwar dik il-malafama qabel ma tkun inbdiet l-azzjoni għad-danni jew, kemm jista' jkun malajr wara malli kellu l-opportunità li hekk jagħmel f'każ li l-azzjoni tkun inbdiet qabel kellu l-opportunità li jagħmel jew li joffri li jagħmel dik l-apoloġija:*

*Iżda l-konvenut ma jistax iġib dik il-prova bi tnaqqis ta' danni jekk hu jkun ġieb il-prova tal-verità skont l-artikolu 12."*

Ir-rikorrenti jilmentaw mill-fatt illi fil-konfront tagħhom ittieħdu kemm proċeduri ċivili kif ukoll kriminali dwar l-istess episodju ta' allegat malafama. Huma jikkontendu li l-għan ta' Richard Cachia Caruana ma kinitx li jipproteġi r-reputazzjoni tiegħu in kwantu li b'żieda mal-istqarrija pubblika li ħareġ wara x-xandira in kwistjoni, huwa nieda proċeduri ċivili għad-danni kif ukoll kriminali kontra tagħhom. Jgħidu li dawn il-miżuri, senjatament il-proċeduri kriminali, ma kinux meħtieġa u lanqas proporzjonati u li għalhekk jammontaw għal restrizzjoni doppja.

In linea ta' prinċipju ġenerali, jingħad illi kullħadd għandu dritt għal-liberta tal-espressjoni mingħajr indħil mill-awtoritajiet. Madanakollu, dan id-dritt huwa soġġett għal restrizzjonijiet, fosthom għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' ħaddieħor. L-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jaqra hekk:

1. *Kullħadd għandu d-dritt għall-liberta ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-liberta li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorita` pubblika u mingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi Stati milli jeħtieġu liċenzji għax-xandir, televiżjoni jew impriċi ċinematografiċi.*
2. *L-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabiltajiet, jista' jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjeta demokratika, fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, integrita` territorjali jew sigurta` pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtorita` u l-imparzjalita` tal-ġudikatura.*

Il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Handyside v UK, deċiża fis-7 ta' Diċembru 1976 spjegat illi:

> *"The Court's supervisory functions oblige it to pay the utmost attention to the principles characterising a 'democratic society'. Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of such a society, one of the basic conditions for its progress and for the development of every man. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to information or ideas that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the State or any sector of the population. Such are the demands of that pluralism, tolerance, broadmindedness without which there is no 'democratic society'. This means, amongst other things, that every 'formality', 'condition', 'restriction' or 'penalty' imposed in this sphere must be proportionate to the legitimate aim pursued."*

Fil-ktieb tagħhom The European Convention on Human Rights (tielet edizzjoni) l-awturi Jacobs and White jgħidu hekk:

*"...the Court initially examines whether there is an interference with freedom of expression under the first paragraph of Article 10, and, if so, whether such an interference can be justified under the second paragraph on the basis of the following three standards: (i) whether an impugned measure is 'prescribed by law'; (ii) whether it pursues a legitimate aim(s); and (iii) whether it is 'necessary in a democratic society."*[9]

Fil-każ ta' Radio France and Others v France, deċiża fit-30 ta' Marzu 2004 ingħad li:

*"The adjective "necessary", within the meaning of Article 10 § 2, implies the existence of a "pressing social need". The Contracting States have a certain margin of appreciation in assessing whether such a need exists, but it goes hand in hand with European supervision, embracing both the legislation and the decisions applying it, even those given by an independent court. The Court is therefore empowered to give the final ruling on whether a "restriction" is reconcilable with freedom of expression as protected by Article 10.*

*The Court's task, in exercising its supervisory jurisdiction, is not to take the place of the competent national authorities but rather to review under Article 10 the decisions they delivered pursuant to their power of appreciation. This does not mean that the supervision is limited to ascertaining whether the respondent State exercised its discretion reasonably, carefully and in good faith; what the Court has to do is to look at the interference complained of in the light of the case as a whole and determine whether it was "proportionate to the legitimate aim pursued" and whether the reasons adduced by the national authorities to justify it are "relevant and sufficient". In doing so, the Court has to satisfy itself that the national authorities applied standards which were in conformity with the principles embodied in Article 10 and,*

[9] Paġna 444

*moreover, that they relied on an acceptable assessment of the relevant facts.*

*The Court has also emphasised on numerous occasions the essential role played by the press in a democratic society. It has pointed out that, although the press must not overstep certain bounds, in particular in respect of the reputation and rights of others, its duty is to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest, and that not only does the press have the task of imparting such information and ideas, the public also has a right to receive them (see among many other authorities, Bladet Tromsø and Stensaas v. Norway [GC], no.21980/93, §§ 59 and 62, ECHR 1999-III, and Colombani and Others v. France, no.51279/99, § 55, ECHR 2002-V).*

*The national authorities' margin of appreciation is thus circumscribed by the interest of democratic society in enabling the press to play its vital role of "public watchdog" (see, for example, Bladet Tromsø and Stensaas, cited above, § 59).*

*Although formulated in the first instance for the written press, these principles are applicable to the audiovisual media (see in particular Jersild v. Denmark, judgment of 23 September 1994, Series A no. 298, pp. 23-24, § 31).*

*...*

***However, in view of the margin of appreciation left to Contracting States by Article 10 of the Convention, a criminal measure as a response to defamation cannot, as such, be considered disproportionate to the aim pursued.***" (Sottolinejar ta' din il-Qorti).

Fil-ktieb tagħhom, l-awturi Jacobs and White ikomplu hekk:

"*The Court has taken the phrase 'necessary in a democratic society' as supposing a 'pressing social need', which can be met by a restriction that strikes a fair or proportionate*

*balance between the means chosen to satisfy it and the individual's freedom of expression. The national authorities are given a margin of appreciation in assessing the existence of such a social need and choosing the measures to be taken to deal with it. The state nonetheless does not have an unlimited power of appreciation; instead the Court retains the competence to decide whether the national authorities have adduced both 'relevant and sufficent reasons' to justify its measures of interference.'*[10]

...

*'Indeed, the Court has stressed that the infliction of any criminal sanction, albeit minor in nature, may entail an unacceptable chilling effect; what matters most is not the gravity of the penalty inflicted on journalists but the very fact that they are convicted."*[11]

Fil-każ fl-ismijiet Krone Verlag GMBH and Co. KG v Austria tas-26 ta' Frar 2002 intqal li:

*"In exercising its supervisory jurisdiction, the Court cannot confine itself to considering the impugned court decisions in isolation; it must look at them in the light of the case as a whole, including the materials for which reproach is made against the applicant company and the context in which they were published. The Court must determine whether the interference at issue was "proportionate to the legitimate aim pursued" and whether the reasons adduced by the courts to justify it are "relevant and sufficient" (see, for instance, Observer and Guardian v. the United Kingdom judgment of 26 November 1991, Series A no. 216, pp. 29-30, § 59 and, recently, Arslan v. Turkey, no.23462/94, § 44, 8.7.99)."*

Din il-Qorti tħoss illi huwa opportun li ssir riferenza estensiva għal dak li intqal minnha diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Glenn Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et tal-10

---

[10] Paġna 444

[11] Paġna 466

ta' Settembru 2001 in kwantu li l-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti huma ferm applikabbli għall-kawża li qiegħda tiġi deċiża llum:

> *"Hu evidenti li l-iskop ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea hu principalment li jipprotegi l-liberta' ta' espressjoni. Il-Qorti Ewropea diversi drabi ddikjarat li l-liberta' ta' l-espressjoni, u anke ta' l-istampa, tirrikjedi protezzjoni specjali sabiex l-istampa, kif gie dikjarat fis-sentenza ta' dik il-Qorti fl-ismijiet "<u>The Sunday Times –vs The U.K.</u>" fis-26 ta' April, 1979, "plays its vital role of public watchdog and to impart information and ideas on matters of public interest".*
>
> *Effettivament l-importanza ta' media libera w indipendenti bhala pedament fondamentali w necessarju ghad-demokrazija hu fatt rikonoxxut w accettat certament ma' l-Ewropa kollha. B'dana kollu, izda, jezisti dibattitu shih jekk ghandux ikun hemm, u jekk hemm, safejn ghandhom jaslu, il-limiti ta' din il-liberta' moghtija lill-media, cioe', x'inhuma ezattament id-drittijiet u responsabilitajiet tal-media, tal-gurnalist. Din il-Qorti tifhem u taqbel li tali drittijiet ta' liberta' ta' espressjoni w stampa ghandhom jinghataw lill-gurnalist sabiex hu ikun jista' jezercita' l-professjoni tieghu adegwatament, bla xkiel u interferenzi, u biex, eventwalment, jghaddi informazzjoni, analisi jew kritika lis-socjeta`, lill-pubbliku. Din hi l-funzjoni, u anke l-obbligu, ta' kull gurnalist professjonali, cioe' li jghaddi tali informazzjoni, analisi jew kritika lill-pubbliku li, min-naha tieghu, ghandu d-dritt ghal tali informazzjoni, analisi jew kritika.*
>
> *Mill-banda l-ohra, pero', indubjament dan id-dritt tal-gurnalist mhuwiex bla ebda limiti. Jekk xejn, kull gurnalist ghandu dawk li jissejhu '<u>ethical duties</u>', li, effettivament, jikkostitwixxu l-limiti tad-dritt ta' l-espressjoni libera jew bla xkiel. F'hafna pajjizi, dawn il-limiti jew restrizzjonijiet huma stipulati fil-ligi, permezz ta' ligijiet li jkopru partikolarment reati bhal dak ta' difamazzjoni, ta' razzismu, u simili; izda f'hafna pajjizi ohra, ma hemm xejn bil-miktub x'inhuma dawn ir-restrizzjonijiet jew 'ethical duties', izda*

*jithallew biss bhala kwistjoni ta' dak li jissejjah '**self-regulation**' cioe', li gurnalist professjonali suppost minn jeddu w wahdu ghandu jkun jaf safejn ghandu jasal fl-informazzjoni, fil-kritika jew analizi li jghaddi lill-pubbliku.*

*Fil-fatt it-tieni parti ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea jsemmi xi cirkostanzi fejn dan id-dritt fondamentali tal-liberta' ta' l-espressjoni jista' jigi ristrett, fosthom fejn si tratta ta' protezzjoni ghar-reputazzjoni w drittijiet tal-persuna. Ghalhekk, filwaqt li huwa minnu li l-gurnalist ghandu d-dritt u l-obbligu li jircievi u minghajr xkiel jew interferenzi jghaddi informazzjoni lis-socjeta`, li ghandha d-dritt li tircievi tali informazzjoni, sabiex tasal ghall-gudizzju taghha, mill-banda l-ohra, dan id-dritt ghall-espressjoni libera u minghajr interferenzi mhux xi **dritt assolut**. L-imsemmi Artikolu 10, fit-tieni parti tieghu, jirrikonoxxi d-dritt tal-persuna li tiddefendi ruha minn xi forma ta' gurnalizmu jew stampa li jhammeg ir-reputazzjoni jew drittijiet tieghu. Ghalhekk huwa permess ghal kulhadd, mhux biss ghall-awtoritajiet pubblici, li jiehu dawk il-passi kontra min bil-kitba jaghmel hsara lir-reputazzjoni tal-persuna. Veru li l-Artikolu 10 isemmi biss "Public Authority", izda il-Qorti Ewropea rreteniet li anke l-individwu ghandu d-dritt li jinterferixxi jew jagixxi personalment biex jipproteggi l-interessi tieghu. Dan qed jinghad irrespettivament mill-principju fuq imsemmi stabbilit fil-kaz ta' Lingens dwar il-grad ghola ta' tolleranza li ghandhom ikollhom persuni pubblici bhalma huma l-politici. Hija l-Qorti li imbaghad ghandha tara jekk dan il-principju japplikax f'xi kaz partikolari li jkollha quddiemha. Izda, minkejja dan, xorta jibqa' l-fatt li l-Artikolu 10, filwaqt li jirrikonxxi w jipproteggi d-dritt tal-liberta' ta' espressjoni minghajr interferenzi, ghaliex dan huwa essenzjali biex ikun hemm socjeta' demokratika, u ghall-esercizzju u qadi tal-professjoni tal-gurnalist, minn naha l-ohra, specjalment fit-tieni parti tieghu, jaccetta li dan id-dritt mhux xi wiehed assolut. Dan necessarjament ifisser li minbarra drittijiet, il-gurnalist ghandu wkoll responsabilitajiet, cioe' doveri sabiex b'dak li jikteb jassigura li ma jaghtix lok ghal xi wahda mic-cirkostanzi*

*msemmija f'din il-parti ta' dan l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Din it-tieni parti ta' dan l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tfisser, mela, li xi interferenza da parti ta' l-Istat jew ta' xi persuna fid-dritt ta' l-espressjoni libera tal-gurnalist, jew kull mezz tal-media, tkun legittima jew accettabbli legalment meta tali indhil jew interferenza jkun necessarju f'socjeta' demokratika. Dan l-Artikolu 10, fl-assjem tieghu, jistabbilixxi, ghalhekk, il-linji ta' gwida jew kriterji sabiex jinholoq bilanc bejn id-dritt ta' espressjoni libera moghti lill-media u lill-gurnalist minn naha l-wahda, u, minn naha l-ohra, id-drittijiet u interessi ta' l-Istat, kif ukoll tal-persuna li tiddefendi lilha nnifisha. Dan huwa Artikolu li jiggarantixxi l-liberta' ta' l-espressjoni u li tinghata informazzjoni lis-socjeta`. Individwi, dawk li jissejhu Non-Governmental Organizations, u anke gruppi ta' persuni jew individwi jistghu jinvokaw il-protezzjoni li jaghti dan l-Artikolu 10.*

*Il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tirrikonoxxi l-importanza li l-media tinghata l-protezzjoni li dan l-Artikolu 10 indubbjament jaghti. Kif intqal qabel, il-media, il-gurnalizmu, hu kunsidrat bhala mezz ferm importanti w essenzjali ghat-tixrid ta' informazzjoni, kritika w analisi, kemm fuq materji politici kif ukoll fuq materji ta' interess generali. U hu propju ghalhekk li kultant il-media hi meqjusa bhala "**a public watchdog**". Pero', sabiex il-gurnalist jezercita l-professjoni tieghu b'mod professjonali, irid ukoll izomm strettament u b'mod rigoruz mal-kriterji msemmija fit-tieni parti ta' dan l-Artikolu. Kif intqal mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' Lingens:*

*"Whilst the press must not overstep the bounds set, inter alia, for the protection of the reputation of others, it is nevertheless incumbent on it to impart information and ideas on political issues just as on those in other areas of public interest. Not only does the press have the task of imparting such information and ideas; the public also has a right to receive them"*

*Jibqa' l-fatt ghalhekk li dan l-Artikolu 10 jiggarantixxi mhux biss id-dritt tal-gurnalist li liberament, bla xkiel jew interferenzi minn xi awtorita' pubblika jew xi individwu jew grupp ta' individwi, jew simili, jghaddi informazzjoni, analisi jew kritika lill-pubbliku, izda jiggarantixxi wkoll li l-istess pubbliku ghandu d-dritt ghal din l-informazzjoni, analisi jew kritika, tkun xi tkun, kemm ta' natura politika kif ukoll ta' interess generali. Tali dritt, izda, mhux xi wiehed bla ebda limiti. L-istess Artikolu 10, fit-tieni parti tieghu, jghid b'mod ferm car safejn jista' jasal il-gurnalist, x'inhuma dawk ic-cirkostanzi li jippermettu lil xi hadd li jinterferixxi f'dan id-dritt ta' espressjoni libera, cirkostanzi li juru li, jekk javveraw ruhom, il-media jew il-gurnalist ikun oltrepassa il-livell ta' "accepted jew acceptable criticism". Dawn huma cirkostanzi li joholqu l-bilanc, l-element tal-bzonn jew tan-necessita`, tal-proporzjonalita', rikjest bejn id-dritt ta' espressjoni libera tal-gurnalist, tal-media, u d-dritt ta' Istat jew tal-persuna li tipprotegi lilha nnifisha. Irid ikun hemm dan is-sens ta' bilanc sabiex verament tezisti socjeta' demokratika. Ghalhekk kull pajjiz demokratiku jaghmel dawk il-ligijiet, bhalma hi l-ligi tad-difamazzjoni u tal-libell, skond il-htigijiet tieghu sabiex jipproteggi l-interessi u reputazzjoni ta' terzi. Hu l-obbligu ta' kull pajjiz demokratiku li jara hu kif ghandu jipprotegi d-drittijiet tac-cittadini tieghu, dan dejjem in linea mal-kriterji w linji ta' gwida msemmija fit-tieni parti ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea. Jekk persuna thoss li l-media tkun qabzet il-limiti ta' "acceptable criticism" fil-konfront taghha, b'mod li xi drittijiet taghha jew ir-reputazzjoni taghha huma lezi, din, allura, ghandha kull dritt tagixxi kontra dak il-mezz tal-media.*

*Il-Konvenzjoni tirrikonoxxi d-dritt ta' l-individwu li jinterferixxi fid-dritt fondamentali tal-liberta' ta' espressjoni, dejjem fil-parametri tat-tieni parti ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Sta ghall-Qorti imbaghad li trid tara jekk l-informazzjoni jew kritika li l-media tkun ghaddiet kienitx wahda li marret oltre il-livelli ta' "acceptable criticism", tenut kont tal-figura ta' l-allegat difamat, jekk hux persuna pubblika jew xi individwu ordinarju, li ghandha tara jekk b'dak li l-media ppubblikat kienx inholoq in-*

*necessita' jew bzonn socjali ta' xi forma ta' interferenza mill-allegat difamat, jekk hemmx proporzjonalita' bejn il-kliem allegatament offensiv u l-applikazzjoni tal-ligi minn naha ta' l-offiz sabiex jipprotegi lilu nnifsu, fi ftit kliem jekk hemmx il-bilanc tant rikjest ghall-ezistenza ta' socjeta' verament demokratika."*

Il-Qorti kompliet hekk:

"***Kull ma kellha tistabbilixxi din il-Qorti hu jekk bl-azzjoni li ha Dr. Fenech Adami kienx qed jinterferixxi fid-dritt tar-rikorrent qua gurnalist li liberament jghaddi kull informazzjoni, kritika jew analisi, lill-pubbliku, li ghandu d-dritt li jirceviha u jasal ghall-konkluzzjoni tieghu.***

***Ghalhekk, tenut kont tal-principji kollha fuq imsemmija, u in vista tal-fatt li l-proceduri penali huma weqfin, certament, sa dan l-istadju ta' din il-kwistjoni, din il-Qorti zgur ma tistghax taqbel mar-rikorrent li bl-azzjoni penali li ha Dr. Fenech Adami, sabiex jipprotegi r-reputazzjoni tieghu, b'xi mod gie lez jew x'aktarx sejjer jigi lez d-dritt ta' l-espressjoni li r-rikorrent ghandu ai termini ta' l-ewwel parti ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea.***

***Dr. Fenech Adami hass li kien gie difamat, li r-reputazzjoni tieghu, bhala persuna fil-qasam tal-politika, sofriet jew setghet issofri hsara b'dak li kiteb Glenn Bedingfield fil-ktieb tieghu "il-Gurament", u ghalhekk agixxa skond il-ligijiet tal-pajjiz. Il-Konvenzjoni Ewropea, kif interpretata mill-Qorti Ewropea, tirrikonoxxi li kull pajjiz ghandu d-dritt li jaghmel dawk il-ligijiet sabiex persuna tkun tista' tipprotegi lilha nnifisha minn xi materjal ingurjuz, difamatorju jew libelluz, anzi theggeg lil kull pajjiz li jaghmel ligijiet 'ad hoc'. Il-Konvenzjoni Ewropea taghti d-dritt lil kull persuna, kemm ordinarja, kif ukoll jekk tkun wahda fil-qasam tal-politika, li taghmel uzu minn dawn il-ligijiet jekk dik il-persuna thoss li xi gurnalist, jew xi mezz iehor tal-***

***media, oltrepassa jew tbieghed mid-doveri w obbligi li ghandu w li huma garantiti mill-ewwel parti ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan kif jirrizulta b'mod ferm car mit-tieni parti ta' dan l-Artikolu fejn l-istess Konvenzjoni taccetta li jkun hemm restrizzjoni f'dan id-dritt ta' espressjoni libera meta si tratta ta' protezzjoni ghar-reputazzjoni jew drittijiet tal-persuna. Jekk l-informazzjoni moghtija mill-gurnalist jew xi mezz iehor tal-media kienitx entro il-livelli ta' "acceptable criticism" jew le hija haga ohra, specjalment fil-kaz odjern. Dak l-istadju ghadu ma wasalx. Pero', sal-punt safejn waslu dawn il-proceduri, certament ma jistghax jinghad li bl-azzjoni li ha Dr. Fenech Adami kien hemm xi vjolazzjoni ta' Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea. Bl-azzjoni li hu ha kien qieghed biss jezercita d-dritt li jaghtih dan l-istess Artikolu fit-tieni parti tieghu, u sa hawnhekk ma hemm ebda ksur tal-Konvenzjoni Ewropea.***" (Sottolinejar ta' din il-Qorti).

Il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha datata 7 ta' April 2003 fejn kompliet billi qalet hekk:

*"Filwaqt li huwa veru li, fejn si tratta ta' opinjoni jew "value judgements", il-politici ghandhom jistennew li joqghdu ghal aktar kritika harxa minn nies li ma humiex fil-politika, dan ma jfissirx li huma m'ghandhomx dritt li jipprotegu r-reputazzjoni taghhom bl-istess ligi penali li tipprotegi r-reputazzjoni ta' haddiehor. Kif jispjegaw Ben Emerson u Andrew Ashworth fil-ktieb taghhom* ***Human Rights and Criminal Justice*** *(Sweet & Maxwell, London, 2001, p. 241, para. 8-48):*

***Prosecutions for criminal defamation are not uncommon in [other] Council of Europe member states. Such prosecutions will be compatible with Article 10 only in so far as they relate to untruthful and seriously damaging allegations of fact. In Lingens and Leitgens v. Austria ((1982) 4 E.H.R.R. 373 at 393) the applicants were prosecuted for libel***

***following the publication of an article which alleged that a politician had lied in a public speech. The Commission held that such a prosecution had the legitimate aim of protecting the reputations of others. A distinction had to be drawn "between the necessity of the legal regulations as such, and the necessity of their application in the particular case". In view of "the fundamental importance [of free expression] in the field of political discussion" the Commission considered it to be "of the utmost importance that these restrictive regulations should only be applied where it is really necessary in the particular case". Politicians, in particular, must be prepared to accept even harsh criticisms of their public activities and statements. Such criticism could not be characterised as defamatory unless it threw considerable doubt on their character and integrity. However, since the article had presented as established fact the untruthful allegation that the politician had lied, a criminal prosecution was justified.***

*Bhalma kien hemm kazijiet fejn il-Qorti Ewropea qalet li, <u>fil-kaz konkret</u>, kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 10 bil-prosekuzzjoni (jigifieri permezz ta' procedura penali) u s-sejbien ta' htija minhabba xi haga li dak li jkun qal jew kiteb (ez.* ***Lingens v. Austria*** *(8/7/1986),* ***Oberschlick v. Austria*** *(no. 2) (1/7/1997),* ***Thorgeir Thorgeirson*** *v. Iceland (25/6/1992)), kien hemm ukoll kazijiet fejn tali prosekuzzjoni u sejbien ta' htija gew ritenuti li ma kienux jiksru l-Artikolu 10 (ez.* ***Barfod v. Denmark*** *(22/2/1989),* ***Prager and Oberschlick v. Austria*** *(26/4/1995),* ***Peree v. The Netherlands*** *(17/11/1998). Ghalhekk, it-tielet aggravju ta' l-appellant, bil-mod generiku kif inhu migjub, huwa infondat. Huwa veru li, fil-kaz konkret, wiehed irid jara, fost affarijiet ohra, jekk l-interferenza mal-liberta` ta' espressjoni mill-ligi penali tkunx "mehtiega f'socjeta` demokratika", jigifieri jekk ikunx hemm dak li l-gurisprudenza ta' Strasbourg komunement issejhilha "a pressing social need". Pero` altru dan, u altru li wiehed aprioristikament jghid, kif qed jippretendi l-appellant, li r-*

*reputazzjoni ta' persuna pubblika jew ta' politiku ma tista' qatt tigi protetta bl-applikazzjoni tal-ligi penali. Wara kollox, ir-reputazzjoni tal-persuna ghandha wkoll funzjoni importanti f'socjeta` demokratika. Kif qal Lord Nicholls of Birkinhead fil-kawza* ***Reynolds v. Times Newspaper Limited and Others****, deciza mill-House of Lords fit-28 ta' Ottubru, 1999:*

***Reputation is an integral and important part of the dignity of the individual. It also forms the basis of many decisions in a democratic society which are fundamental to its well-being: whom to employ or work for, whom to promote, whom to do business with or to vote for. Once bismirched by an unfounded allegation in a national newspaper, a reputation can be damaged forever, especially if there is no opportunity to vindicate one's reputation. When this happens, society as well as the individual is the loser. For it should not be supposed that protection of reputation is a matter of importance only to the affected individual and his family. Protection of reputation is conducive to the public good. It is in the public interest that the reputation of public figures should not be debased falsely. In the political field, in order to make an informed choice, the electorate needs to be able to identify the good as well as the bad. Consistently with these considerations, human rights conventions recognise that freedom of expresson is not an absolute right. Its exercise must be subject to such restrictions as are prescribed by law and are necessary in a democratic society for the protection of the reputation of others.***"

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, il-Qorti tibda billi tagħmilha ċara li dak li qiegħed jintalab minnha llum mhuwiex sabiex tiddeċiedi dwar jekk il-proċeduri ta' libell kriminali *per se* jiksrux id-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal-libertà tal-espressjoni, imma jekk il-fatt illi Richard Cachia Caruana nieda kemm proċeduri kriminali kif ukoll ċivili huwiex leżiv tad-drittijiet tagħhom.

Ir-rikorrenti jargumentaw li f'dan il-każ partikolari ġew mittiefsa jew ser jiġu mittiefsa d-drittijiet fundamentali tagħhom għaliex Richard Cachia Caruana nieda kemm proċeduri kriminali kif ukoll ċivili fil-konfront tagħhom u dan wara li ħareġ ukoll stqarrija dwar dak allegat mir-rikorrenti l-Onor. Joe Mizzi fix-xandira tat-13 ta' Lulju 2012. Huma jikkontendu għalhekk li l-posizzjoni tagħhom mhijiex illi f'kull każ u f'kull eventwalità il-proċeduri ta' libell kriminali jmorru kontra d-dritt fundamentali tal-libertà tal-espressjoni, jew li huma biss il-pieni kriminali li jiksru dan id-dritt, imma jisottomettu li f'dan il-każ, bejn dawn il-partijiet partikolari, il-limitazzjoni għal-libertà tal-espressjoni tagħhom fil-forma tal-proċeduri kriminali *de quo* jiksru d-drittijiet fundamentali tagħhom.

Mhuwiex ikkontestat mir-rikorrenti li l-proċeduri kriminali in kwistjoni ttieħdu skont il-liġi u allura l-ewwel element li huwa meħtieġ f'kwalunkwe limitazzjoni tal-jedd tal-espressjoni ħielsa, u ċioè li dik il-limitazzjoni tkun stabbilità permezz ta' liġi, huwa ċertament sodisfatt fil-każ in eżami.

Fir-rigward tat-tieni element u ċioè li l-limitazzjoni tkun maħsuba għall-ħarsien ta' persuni oħra, ir-rikorrenti jargumentaw illi l-għan tal-kwerelant Richard Cachia Caruana mhuwiex illi jipproteġi r-reputazzjoni tiegħu imma sabiex iżommhom milli jeżerċitaw id-drittijiet u obbligi tagħhom, bi ksur tad-dritt tagħhom tal-espressjoni ħielsa. Huwa indubitat illi l-għan wara l-limitazzjoni għal-libertà tal-espressjoni fil-forma tal-proċeduri kriminali u ċivili disponibbli għall-persuna li tħoss illi ġiet malafamata huwa dak illi jipproteġu r-reputazzjoni tal-istess persuna. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti naqsu milli jikkonvinċu lill-Qorti li l-iskop ta' Richard Cachia Caruana kien illi sempliċiment joħnoq il-libertà tal-espressjoni tagħhom u mhux sabiex jipproteġi r-reputazzjoni tiegħu. Il-Qorti tosserva li l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-kwerelant ma kinux sempliċiment '*value judgments*' imma '*statements of fact*' li jammontaw għall-allegazzjonijiet serji fil-konfront tal-istess kwerelant. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ċertament ma ġiex muri li Richard Cachia Caruana nieda kemm proċeduri kriminali kif ukoll ċivili fil-konfront tagħhom b'xi ghan ghajr dak li jipproteġi r-reputazzjoni tiegħu.

It-tielet element jitlob illi l-limitazzjoni għal-libertà tal-espressjoni tkun proporzjonata u ġustifikata f'soċjetà demokratika. Il-Qorti qiegħda tifhem illi r-rikorrenti qegħdin jikkontendu li dan l-element mhuwiex sodisfatt fil-każ tal-lum għaliex il-kwerelant nieda kemm proċeduri kriminali kif ukoll ċivili fil-konfront tagħhom.

Dwar dan, il-Qorti tibda billi tirrileva li fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma nsibu l-ebda deċiżjoni fis-sens illi proċeduri ta' libell kriminali huma dejjem u f'kull każ leżivi tad-dritt fundamentali għal-libertà tal-espressjoni. Dak illi tistabbilixxi l-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg huwa li sanzjonijiet kriminali jistgħu, f'ċertu każi, ikunu leżivi tad-drittijiet tal-persuna konċernata. Rinfaċċjata b'ilment f'dak is-sens, il-Qorti Ewropea teżamina l-gravità o meno tal-kliem allegatament difamatorji jew libellużi sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha dwar il-proporzjonalità tal-limitazzjoni fuq il-libertà tal-espressjoni u jekk dik il-limitazzjoni, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kienitx waħda ġustifikata f'soċjetà demokratika.

F'dan l-istadju din il-Qorti ċertament ma tistax tgħaddi kummenti dwar il-mertu tal-każ li qed jinstema mill-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u kif ukoll fil-kompetenza tagħha ċivili. Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tara jekk il-kummenti li għadda r-rikorrent l-Onor. Joe Mizzi, li minnhom qiegħed jilmenta Cachia Caruana, iwasslux għal malafama, għaliex dak għadha trid tarah il-Qorti li għamlet ir-referenza kif ukoll il-Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza ċivili tagħha. Dak illi trid tara din il-Qorti huwa biss jekk bl-azzjoni li ħa Cachia Caruana ġiex b'xi mod leż jew x'aktarx ser jiġi leż id-dritt għal-libertà tal-espressjoni tar-rikorrenti, u dan ai termini tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fil-każ tal-lum, il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti huma weqfin pendenti l-eżitu ta' din ir-referenza kostituzzjonali u għalhekk, mhux talli għad m'hemmx deċiżjoni dwar jekk il-kummenti tar-rikorrent l-Onor. Joe Mizzi jammontawx għall-malafama, talli f'dan l-istadju huwa prematur illi wieħed jitkellem dwar il-propozjonalità u ġustifikazzjoni ta' sanzjonijiet kriminali.

Il-Qorti ma tarax kif il-fatt waħdu li Richard Cachia Caruana għażel it-triq li jipproċedi kemm kriminalment kif ukoll ċivilment fil-konfront tar-rikorrenti jista' jwassal awtomatikament għall-ksur tad-dritt tagħhom għall-espressjoni ħielsa. L-artikolu 10(2) stess jistabbilixxi li billi l-eżerċizzju tal-liberta' tal-espressjoni jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għall-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika.

Dan ma jfissirx illi fiċ-ċirkostanzi kollha u f'kull każ dawn is-sanzjonijiet huma proporzjonati u ġustifikati f'soċjetà demokratika, li trid dejjem tishar sabiex tizgura li gurnalist qatt ma jissikket minhabba t-theddida ta' proceduri kriminali u l-konsegwenzi serjissima li dawn igibu maghhom. Il-verità m'ghandha qatt tigi mistura bil-biza tal-multi u habs. Madankollu f'dan l-istadju huwa kmieni wisq biex tiġi eżaminata l-proporzjonalità tas-sanzjonijiet kriminali fil-każ konkret u jekk kienx hemm '*a pressing social need*' f'soċjetà demokratika, in kwantu li għadu lanqas biss stabbilit jekk l-attribwizzjoni ta' fatti in kwistjoni huwiex inveritjer jew le u jekk kienx inaqqas mir-reputazzjoni tal-kwerelant.

Isegwi għalhekk illi r-rikorrenti naqsu milli juru lill-Qorti li f'dan l-istadju jista' jingħad illi ġew miksura jew x'aktarx ser jiġu miksura d-drittijiet tagħhom kif sanċiti permezz tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li tagħmel riferenza għall-fatti lamentati mir-rikorrenti l-Onorevoli Joe Mizzi u Kurt Farrugia fit-talba għal referenza kostituzzjonali waqt il-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sandro Camilleri) vs Onor Joe Mizzi u Kurt Farrugia** pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, senjatament illi ġie leż jew ser jiġi leż id-dritt fundamentali tagħhom għal-libertà tal-espressjoni kif protett permezz tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema lment wassal lil dik il-Qorti sabiex fit-22 ta' April 2015 tagħmel l-ordni ta' referenza, qiegħda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Onorevoli Joe Mizzi u Kurt Farrugia ma ssib li kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu 10

tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u lanqas li, f'dan l-istadju, x'aktarx se jinkisru d-drittijiet tagħhom taħt dan l-artikolu. Għalhekk, qiegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tkompli tisma' u tiddeċiedi skont il-liġi l-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sandro Camilleri) vs Onor Joe Mizzi u Kurt Farrugia.**

Spejjeż jitħallsu mir-rikorrenti l-Onorevoli Joe Mizzi u Kurt Farrugia.

IMHALLEF

DEP/REG